Mill-President
Thomas S. Monson

Iskot, Ieqaf

Jum fost l-oħrajn bosta snin ilu, wara li kont għadni kif lestejt xi xogħol l-uffiċċju, ħassejt b' konvinzjoni qawwija li kelli mmur nżur waħda armla anzjana li kienet pazjenta f' ċentru tal-anzjani fil-Belt ta' Salt Lake. Bqajt sejjer dritt bil-karozza sa ħdejha.

Meta mort fil-kamra tagħha sibtha vojta. Staqsejt wieħed li kien jaħdem hemm fejn setgħet kienet u dderiġieni lejn is-sala. Hemmhekk sibt lil din l-armla ħelwa flimkien ma' oħtha u ħabiba oħra tagħha. Kellna konverżazzjoni flimkien mill-aktar interessanti.

Aħna u nitkellmu, ġie raġel fil-bieb tal-kamra biex jixtri flixkun luminata mill-magna. Huwa ħares lejja u qalli, "Tgħidlix li inti Tom Monson."

"Iva," weġibtu jiena. "U inti tixbah lil Hemingway."

Qalli li fil-fatt kien Stephen Hemingway, iben Alfred Eugene Hemingway, li ħafna snin ilu kien serva bħala l-kunsillier tiegħi meta jiena kont isqof u li jien kont insejjaħlu Gene. Stephen qalli li missieru kien jinsab f' dak l-istess ċentru u kien jinsab viċin il-mewt. Gene kien beda jsejjaħ ismi, u l-familja tiegħu riedu jikkuntattjawni iżda ma setgħux isibu n-numru tat-telefon tiegħi.

Jiena skużajt ruħi fil-pront u flimkien ma' Stephen tlajt fuq fil-kamra ta' dak li darba kien il-kunsillier tiegħi, fejn kien hemm ukoll preżenti wħud minn uliedu miġburin flimkien; martu kienet mietet xi snin qabel. Il-membri tal-familja qiesu l-laqgħa tiegħi fis-sala ma' Stephen bħala risposta mingħand Missierna tas-Smewwiet għaxxewqa kbira li kellhom li jiena nara lil missierhom li fil-fatt kien dak li talab huwa stess. Jiena wkoll ħassejt li hekk kien, għaliex kieku Stephen ma daħalx fil-kamra li fiha jiena kont fil-ħin preċiż li ġie hu, lanqas kont inkun naf li Gene kien f' dak l-istess ċentru.

Aħna tajnieh barka. Inħkimna minn spirtu ta' paċi. Kelli żjara mill-aktar ħelwa, u wara ftit tlaqt minn hemm.

L-għada filgħodu rċevejt telefonata li Gene Hemingway kien miet—20 minuta biss wara li huwa rċieva barka mingħand ibnu u mingħandi.

Jiena għid talba f' qalbi bħala ringrazzjament lil Missierna tas-Smewwiet għall-influwenza tiegħu li jiggwidana, kif fil-fatt għamel fiż-żjara tiegħi fiċ-ċentru tal-anzjani u ħadni ħdejn il-ħabib għażiż tiegħi Alfred Eugene Hemingway.

Nagħżel li naħseb li l-ħsibijiet ta' Gene Hemingway f' dik il-lejla,—hekk kif konna mdawrin bir-raġġi tal-Ispirtu waqt li offrejna talba umli u tajnieh barka saċerdotali, kienu qed itennu l-eku tal-kliem li nkantaw fl-innu "Mgħallem, it-Tempesta hija waħda qawwija":

Ibqa' miegħi, imbierek Feddej!
Tħallinix aktar waħdi,
U bil-ferħ nidħol b' wiċċ il-ġid fil-port
U nistrieħ fuq ix-xatt imbierek.

Għadni verament inħobb din l-għanja u nixhed dwar kemm tista' tkun ta' faraġ:

Kemm jekk ikun l-għadab tal-baħar imqalleb
jew tax-xjaten, tal-bnedmin, jew hu x' inhu,
L-ebda ilma ma jegħleb vapur immexxi
Mill-Imgħallem tal-baħar, tal-art u tas-sema.
Ilkoll bil-ħlewwa jobduh:
Iskot, Ieqaf.[1]

Fost id-dmugħ u l-isfidi, fost il-biża' u n-niket, fost il-qsim il-qalb u s-solitudni ta' meta nitilfu lil xi ħadd għażiż għalina, tinsab iċ-ċertezza li l-ħajja hija għal dejjem. Il-Mulej u s-Salvatur tagħna huwa x-xhud ħaj li hekk hu.[2] Kliemu fl-iskrittura mqaddsa huwa suffiċjenti: "Biżżejjed, u kunu afu li jien Alla." (Salm 46:10). Jiena nixhed li dan kollu veru.

NOTI

1. "Master, the Tempest Is Raging," *Hymns,* no. 105.
2. Ara Richard L. Evans, "So Let Us Live to Live Forever," *New Era,* Lulju 1971, 18.

GĦALLEM MINN DAN IL-MESSAĠĠ

Dan il-messaġġ jista' jkun ta' faraġ għal dawk li tilfu lil xi ħadd jew dawk li għaddejjin minn xi sfidi. Barra dan il-messaġġ mill-President Monson, ikkunsidra wkoll li taqsam xi skrittura minn din li ġejja, ibbażati fuq il-bżonnijiet ta' dawk li tgħallem: Gob 19:25–26; 1 Korintin 15:19–22; Mosiah 24:13–15; Doctrine and Covenants 122:7–9. Jekk tħoss li għandek tagħti t-testimonjanza tiegħek, ixhed dwar il-paċi li tak is-Salvatur waqt il-provi li għaddejt minnhom.

ŻGĦAŻAGĦ

Jekk Jogħġbok Fejjaq Qalbi

Minn Kelsey LeDoux

Fl-anniversarju mill-mewt ta' ħija, jiena bdejt nirrifletti fuq il-ħajja tiegħi minn meta miet hu. Mhux biss ftakart l-uġigħ enormi li jien ħassejt iżda wkoll il-barkiet li tani Alla.

Qatt ma fhimt dak li nies kienu jgħidu li l-mewt ta' xi ħadd għażiż għalina tista' ġġibilna għadd ta' barkiet. Ma stajtx nifhem kif seta' qatt jiena jkolli l-ferħ u l-gratitudni għal xi ħaġa li ġabitli tant niket. Iżda lejla fost l-oħrajn ġrat xi ħaġa li bidlitli l-perspettiva kollha tiegħi.

Qomt f' nofs ta' lejl b' qalb mill-aktar imnikkta. L-uġigħ kien qed joħnoqni. Inżilt għarkubbtejja u b' qalb maqsuma tlabt lil Missieri tas-Smewwiet. Ħajti kollha tgħallimt dwar l-Att tal-Fidwa u l-qawwa tal-fejqan mirakoluża ta' Ġesù Kristu. Issa l-fidi tiegħi għaddiet verament minn prova. Jiena verament kont nemmen? Tlabt bi ħniena lil Missieri tas-Smewwiet sabiex ifejjaqli qalbi. L-uġigħ kien kbir wisq biex jiena jirnexxili nkampa waħdi.

F' dak il-mument ħassejt sentiment ta' paċi, faraġ u mħabba jaħkem il-ġisem kollu tiegħi. Ħassejt bħallikieku Alla kien qed jgħannaqni u kien qed jipproteġini mill-uġigħ enormi li kont qed inħoss. Xorta waħda bqajt inħoss in-nuqqas ta' ħija, iżda kont kapaċi nara kollox minn perspettiva differenti. Kien hemm ħafna xi stajt nitgħallem minn din l-esperjenza.

Kont naf li l-imħabba u l-paċi tal-Mulej kienu jinsabu disponibbli għalina. Kull ma jeħtieġ minna hu biss li nilqgħu dak li lest joffrilna.

TFAL

Agħżel li Tkun Sieket

Il-President Monson qal li meta aħna nkunu siekta u riverenti, aħna nistgħu nħossu fina l-paċi u niksbu testimonjanza aktar b' saħħitha ta' Missierna tas-Smewwiet. U l-Ispirtu s-Santu jista' jurina modi kif aħna nistgħu ngħinu lil ħaddieħor.

Ikteb fuq karta u ddiskuti mal-ġenituri tiegħek xi mod kif inti tista' tkun sieket. Imbagħad din il-ġimgħa ħalli ħin sabiex tipprova dak li tkun iddiskutejt. Wara li tagħmel dan, tista' tikteb fid-djarju tiegħek xi sentimenti u suġġerimenti li inti kellek.

© 2013 minn Intellectual Reserve, Inc. Id-drittijiet kollha riservati. Printed in Germany. Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/12. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/12. Traduzzjoni ta' *First Presidency Message, March 2013*. Maltese. 10663 159

Attivazzjoni

Permezz tat-talb studja dan il-materjal u, kif inhu xieraq, iddiskutih mal-aħwa li inti żżur. Uża l-mistoqsijiet sabiex jgħinuk issaħħaħ lil ħutek u biex tagħmel lis-Soċjetà tal-Għajnuna parti integrali minn ħajtek. Għal aktar informazzjoni, żur is-sit reliefsociety.lds.org.

Fidi, Familja, Għajnuna

Il-profeta tagħna, il-President Thomas S. Monson, ħeġġiġna sabiex "ngħinu ħalli nsalvaw lil dawk li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna u nwassluhom għal triq superjuri u ħajja aħjar. . . . Din hija l-ħidma tal-Mulej, u meta nkunu fuq in-naħa tal-Mulej, . . . aħna nkunu intitolati għall-għajnuna tal-Mulej."[1]

Ħafna snin ilu LaVene Call u s-sieħba tal-għalliema taż-żjajjar tagħha marru jżuru oħt anqas attiva. Huwa ħabbtu fuq il-bieb u hemm sabu omm żagħżugħa liebsa l-ilbies tal-banju. Kienet tidher marida, iżda ma damux ma ndunaw li hija kellha problema bl-alkoħol. L-għalliema taż-żjajjar poġġew bilqiegħda u qagħdu jitkellmu ma' dik l-omm żagħżugħa li kienet għaddejja minn żmien diffiċli.

Wara li telqu, huma qalu, "Din hija bint Alla. Għandna responsabbiltà li ngħinuha." Għalhekk bdew iżuruha ta' spiss. Kull darba, huma kienu jaraw u jħossu bidla għall-aħjar. Huma talbu lil din l-oħt sabiex tibda tattendi s-Soċjetà tal-Għajnuna. Għalkemm għall-ewwel bdiet issibha xi ftit bi tqila, eventwalment bdiet tattendi b' mod regolari. Wara daqsxejn ta' inkuraġġiment, hi, żewġha u bintha bdew jattendu flimkien il-knisja. Ir-raġel tagħha ħass l-Ispirtu s-Santu. Huwa qal, "Jiena sa nagħmel dak li ssuġġerixxa l-isqof." Illum huma jinsabu attivi fil-Knisja u ġew issiġillati fit-tempju.[2]

Mill-Iskrittura

3 Nephi 18:32; Doctrine and Covenants 84:106; 138:56

Mill-Istorja Tagħna

Li ngħinu lil dawk li qabdu triq ħażina jerġgħu lura lejn l-evanġelju ta' Ġesù Kristu minn dejjem kienet ħaġa mill-aktar importanti għalina bħala Qaddisin tal-Aħħar Jiem u membri tas-Soċjetà tal-Għajnuna. Il-President Brigham Young (1801–77) qal, "Ejjew nuru kompassjoni ma' xulxin, . . . u ejja ħalli dawk li jaraw jiggwidaw lill-għomja sakemm dawn ikunu jistgħu jaraw it-triq weħidhom."[3]

Eliza R. Snow, it-tieni president ġenerali tas-Soċjetà tal-Għajnuna, għarfet bi gratitudni l-isforzi li kienu qed jagħmlu l-aħwa nisa f' Ogden, Utah, ġewwa l-Amerka, sabiex isaħħu lil xulxin. "Jiena ninsab ċerta li ħafna mill-ħin li jingħata bħala servizz qatt ma jispiċċa reġistrat fir-reġistru tagħna. Iżda nistgħu nkunu ċerti li fis-smewwiet hemm reġistru li fuqu qed titniżżel il-ħidma kollha tal-aħwa nisa hekk kif huma jippruvaw jgħinu lil dawk li qalbhom ibbieset xi ftit. "Il-President Joseph Smith qal li din is-soċjetà ġiet organizzata sabiex tfejjaq l-erwieħ. . . . Jinżamm ukoll ktieb ieħor li fuqu tkun imniżżla t-tjubija tagħna, il-ħidma ġusta tagħna u anke kliemna. . . . Xejn m'hu Mitluf,"[4]

NOTI

1. Thomas S. Monson, "The Sacred Call of Service," *Liahona,* Meju 2005, 55, 56.
2. Ittra lill-president ġenerali tas-Soċjetà tal-Għajnuna minn bint LaVene Call.
3. Brigham Young, in *Daughters in My Kingdom: The History and Work of Relief Society* (2011), 107.
4. Eliza R. Snow, in *Daughters in My Kingdom,* 83.

X' Nista' Nagħmel?

1. Jiena nħossni kunfidenti biżżejjed sabiex nistaqsi lil xi oħt anqas attiva sabiet tattendi miegħi xi laqgħa tas-Soċjetà tal-Għajnuna?

2. L-aħwa li jiena nżur iħossuhom komdi jistaqsuni mistoqsijiet dwar l-evanġelju?

© 2013 minn Intellectual Reserve, Inc.
Id-drittijiet kollha riservati. Printed in Germany.
Approvazzjoni bl-Ingliż: 6/12. Approvazzjoni tat-traduzzjoni: 6/12. Traduzzjoni ta' *Visiting Teaching Message, March 2013.*
Maltese. 10663 159